MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2129/2002

**U.C.I.M. Co. Limited**

**vs**

**Jean Willis Bannon**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf lira Maltija (Lm1000.00), rapprezentanti import ta' hmistax-il kambjala, wahda ta' ghoxrin lira (Lm20.00) (bilanc), wahda ta' sitta u disghin lira Maltija (Lm96.00) u tlettax ta' tmienja u sittin lira (Lm68.00) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Jannar, 2001 sa Marzu, 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti 1 sa 15 konsekuttivament u inklusivament;**
**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-3 ta' Settembru, 2002, jammontaw ghal tmienja u**

**tmenin lira Maltija (Lm88.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fl-10 t'Ottubru, 2002, li biha stante pagament ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00) fil-mori tal-kawza, in kwantu ghall-lira (Lm1.00) ghall-imghax sat-8 t'Ottubru, 2002, u l-bilanc ta' mija u disgha u erbghin lira Maltija (Lm149.00) akkont tas-sorte, irriduca s-sorte bl-istess somma ta' mija u disgha u erbghin lira Maltija (Lm149.00) u zammet ferm ghall-bilanc tas-sorte ghal tmien mija u wiehed u hamsin lira Maltija (Lm851.00) bl-imghax mid-9 t'Ottubru, 2002 u l-ispejjez tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici kif ridotta tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u wiehed u hamsin lira Maltija (Lm851.00), kif ukoll l-imghax li sat-3 ta' Settembru, 2002, jammonta ghal sebgha u tmenin lira Maltija (Lm87.00), oltre l-imghax mid-9 t'Ottubru, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**